MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 564/2014

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Edwards Tathiana – ID 176991M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' attrici qed titlob li l-konvenuta tigi kundannata thallasha s-somma ta' elfejn mija u wiehed u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,161.23c) in konnessjoni ma servizz moghti mis-Socjeta' lill-konvenuta – servizz nru A/C 51023790, skond Dok IZY1 esebit mal-AVVIZ.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, ma pprezentatx risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba izda dehret ghas-seduta ta' llum.

Illi fl-istess seduta l-konvenuta ammettiet it-talba attrici kif dedotta u kkonfermat li ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma elfejn mija u wiehed u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,161.23c).

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta'

attrici s-somma ta’ elfejn mija u wiehed u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,161.23c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta, b’dana illi l-hlas ghandu jsir permezz ta' hamsin euro (€50) fix-xahar, b'dana li jekk jonqsu zewg pagamenti in segwitu jew l-ekwivalenti ta' zewg pagamenti in segwitu, l-bilanc jigi dovut minnufih.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------